Nru./No. 21,237
Prezz/Price
€2.88

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 7 ta' Mejju, 2024
Tuesday, 7th May, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## SOMMARJU — SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ........ 5289 - 5305
*Government Notices ........ 5289 - 5305*

Avviżi tal-Pulizija ........ 5305 - 5311
*Police Notices ........ 5305 - 5311*

Avviżi lill-Baħħara ........ 5312
*Notices to Mariners ........ 5312*

Opportunitajiet ta' Impjieg ........ 5312 - 5323
*Employment Opportunities ........ 5312 - 5323*

Avviżi tal-Gvern ........ 5323 - 5325
*Notices ........ 5323 - 5325*

Offerti ........ 5325 - 5332
*Tenders ........ 5325 - 5332*

Avviżi tal-Qorti ........ 5332 - 5348
*Court Notices ........ 5332 - 5348*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 578**

**KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta’ kulħadd li skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva t-tiġdid tal-ħatra bħala Kummissarji għall-Ġustizzja għal perjodu ta’ sentejn ta’:

Debono, Dott. Marouska, u
Sladden, Dott. Sandra,

b’seħħ mill-4 ta’ Mejju, 2024.

Is-7 ta’ Mejju, 2024
(MJCL/67/2017/1)

**Nru. 579**

**ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI (KAP. 623)**

**Ħatra tal-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

NGĦARRFU b’din għall-informazzjoni ta’ kullħadd illi, skont l-artikolu 11(1) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (Kap. 623), il-kompożizzjoni tal-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni hija din li ġejja:

*Chairperson*
Il-Perit Simon Saliba

*Deputy Chairperson*
Dott. Ian Borg

*Membri*
Dott. Marouska Debono
Il-Perit Herman Bonnici
L-Inġ. Ray Pellicano
Il-Perit Ivan Piccinino
Is-Sur Kurt Farrugia
L-Inġ. Chris Borg
Il-Perit Krista Xuereb
L-Inġ. Robert Schembri
Dott. David Bonello

*Segretarja*
Is-Sa Jessica Schembri

Is-7 ta’ Mejju, 2024

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 578**

**COMMISSIONERS FOR JUSTICE**

IT is being notified for general information that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291), the Prime Minister approved the renewal of appointment as Commissioners for Justice for a period of two years of:

Debono, Dr Marouska, and
Sladden, Dr Sandra,

with effect from the 4th May, 2024.

7th May, 2024

**No. 579**

**BUILDING AND CONSTRUCTION AUTHORITY ACT (CAP. 623)**

**Appointment of the Building and Construction Authority Board**

IT is hereby notified for general information that, as per article11(1) of the Building and Construction Authority Act (Cap. 623), the Board of the Building and Construction Authority is composed as following:

*Chairperson*
Perit Simon Saliba

*Deputy Chairperson*
Dr Ian Borg

*Members*
Dr Marouska Debono
Perit Herman Bonnici
Inġ. Ray Pellicano
Perit Ivan Piccinino
Mr Kurt Farrugia
Inġ. Chris Borg
Perit Krista Xuereb
Inġ. Robert Schembri
Dr David Bonello

*Secretary*
Ms Jessica Schembri

7th May, 2024

**Nru. 580**

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL**

**Ħatra tal-Membri tal-Kumitat tal-Esplożivi**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ġenerali li l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol approva l-ħatra tal-membri tal-Kumitat tal-Esplożivi.

Il-ħatra hija valida sal-31 ta' Diċembru, 2024.

*Chairperson*
Kmandant AFM jew rappreżentant tiegħu

*Membri*
Kummissarju tal-Pulizija jew rappreżentant tiegħu
Direttur tal-Protezzjoni Ċivili jew rappreżentant tiegħu

It-30 ta' April, 2024

**No. 580**

**MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, SECURITY AND EMPLOYMENT**

**Appointment of Members of the Explosives Committee**

IT is hereby notified for general information that the Minister for Home Affairs, Security, and Employment has approved the appointment of the members of the Explosives Committee.

The appointment is valid until 31st December, 2024.

*Chairperson*
Commander AFM or his representative

*Members*
Commissioner of Police or his representative
Director Civil Protection or his representative

30th April, 2024

**Nru. 581**

**AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,235 tat-30 ta' April, 2024 (Avviżi Legali 105 sa 106) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,236 tat-3 ta' Mejju, 2024 (Avviż Legal 107) rispettivament.

A.L. 105 tal-2024: Ordinanza dwar id-Drittijiet (Kap. 35); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għal Kura tas-Saħħa.

A.L. 106 tal-2024: Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kap. 33); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra.

A.L. 107 tal-2024: Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595); Ordni tal-2024 li jemenda l-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Residenza Malta.

Is-7 ta' Mejju, 2024

**No. 581**

**LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE**

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,235 of 30th April, 2024 (Legal Notices 105 to 106) and Government Gazette No. 21,236 of 3rd May, 2024 (Legal Notice 107) respectively.

L.N. 105 of 2024: Fees Ordinance (Cap. 35); Healthcare Fees (Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 106 of 2024: Explosives Ordinance (Cap. 33); Control of Fireworks and other Explosives (Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 107 of 2024: Public Administration Act (Cap. 595); Residency Malta Agency (Establishment) (Amendment) Order, 2024.

7th May, 2024

**Nru. 582**

**WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI**

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu

**No. 582**

**WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR**

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance

Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar bħala Kummissjunarji b’Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

*Avukati*
Cutajar, Dott. Sean
Dimech, Dott. Andrea

B’Awtorità
Jonathan Attard
*Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni*

Is-7 ta’ Mejju, 2024
MJEG 21/2020/4

(Cap. 79) the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

*Advocates*
Cutajar, Dr Sean
Dimech, Dr Andrea

By Authority
Jonathan Attard
*Minister for Justice and Reform of the Construction Sector*

7th May, 2024

**Nru. 583**

**KONSLU ONORARJU TA’ MALTA F’SAN SALVADOR, EL SALVADOR**

NGĦARRFU b’din għall-informazzjoni ta’ kulħadd illi l-Gvern ta’ Malta ħatar lis-Sinjura Paolamaria Valiente Catani bħala Konslu Onorarju ta’ Malta f’San Salvador, ir-Repubblika tal-El Salvador.

L-indirizz tal-Konsolat Onorarju huwa li ġej:

Parque Industrial Plan de La Laguna,

Pasaje A, Poligono D
Antiguo Cuscatlán
La Libertad
El Salvador

Numru tat-telefown: +503 2527-9412

Indrizz elettroniku: (maltaconsul.sansalvador@gov.mt)

Is-7 ta’ Mejju, 2024

**No. 583**

**HONORARY CONSUL OF MALTA IN SAN SALVADOR, EL SALVADOR**

IT is hereby notified for general information that the Government of Malta has appointed Ms Paolomaria Valiente Catani as Honorary Consul of Malta in San Salvador, the Republic of El Salvador.

The Honorary Consulate is situated at:

Parque Industrial Plan de La Laguna,

Pasaje A, Poligono D
Antiguo Cuscatlán
La Libertad
El Salvador

Telephone Number: +503 2527-9412

Email: (maltaconsul.sansalvador@gov.mt)

7th May, 2024

**Nru. 584**

**LISTA TA’ INĠINIERA BIL-WARRANT**

B’REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 554 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,233 tas-26 ta’ April, 2024, ngħarrfu illi f’paġna 4885, is-Sa Rebecca Galea bin-Numru tal-Warrant 2447 għandu jkollha n-numru tal-Karta tal-Identità 0413997M u Electrical Engineer fil-kolonni tal-I.D. Nru. u qasam tal-Inġinerija.

Is-7 ta’ Mejju, 2024

**No. 584**

**LIST OF WARRANTED ENGINEERS**

WITH reference to Government Notice No. 554 published in the Governemnt Gazette No. 21,233 of 26th April, 2024, it is notified that on page 4885, Ms Rebecca Galea with Warramt No. 2447 should have the Identity Card number 0413997M and Electrical Engineer in the I.D number and field of engineering columns.

7th May, 2024

**Nru. 585**

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI**

**Ordni għal Eżenzjoni mill-Applikazzjoni tal-Proviso tal-Artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512), il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi għamel dan l-ordni li ġej:

Ir-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg huma b'dan eżenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar peress li l-miżuri previsti fil-leġiżlazzjoni msemmija huma meħtieġa b'mod urġenti sabiex jipprovdu ċertezza legali fir-rigward ta' operaturi liċenzjati u l-ħtiġijiet tas-settur.

Is-7 ta' Mejju, 2024

**No. 585**

**MINISTRY FOR FOR THE ECONOMY, ENTERPRISE AND STRATEGIC PROJECTS**

**Application of the Proviso to Article 3(2)(b) of the Small Business Act (Exemption) Order**

IN exercise of the powers conferred by article 18(1) of the Small Business Act (Cap. 512), the Minister for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has made the following order:

Employment Agencies (Amendment) Regulations, 2024 are hereby exempt from the application of article 3(2)(b) of the Small Business Act for the reason that the measures established in the mentioned legislation are urgently required to provide legal certainty with regard to licenced operators and the requirements of the sector.

7th May, 2024

**No. 586**

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, UGWALJANZA, IR-RIFORMI U D-DJALOGU SOĊJALI**

*Noti ta' Spjegazzjoni*

**1. Introduzzjoni**

| | |
|---|---|
| **Titolu tar-Regolamenti** | Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg. |
| **Attività li għandha tiġi regolata** | Aġenziji tal-Impjiegi, inklużi aġenziji ta' reklutaġġ, aġenziji tax-xogħol temporanju u aġenziji tal-outsourcing. |
| **Entità responsabbli** | Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impiegi |

**2. Sommarju u sfond**

***2.1 Għanijiet u Objettivi tal-liġi***

F'Novembru 2023 ġew pubblikati r-Regolamenti dwar l-Aġenziji tal-Impjiegi. Dawn ir-regolamenti jipprovdu qafas komprensiv għas-sorveljanza u l-operat tal-aġenziji tal-impjiegi u n-negozji f'Malta, inklużi dawk involuti fir-reklutaġġ kemm għal impjieg domestiku kif ukoll internazzjonali, xogħol temporanju u aġenziji tal-outsourcing. Dawn ir-regolamenti jenfasizzaw rekwiżiti stretti għal-liċenzjar, l-imġiba operattiva u l-penali għan-nuqqas ta' konformità.

Dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ fl-1 ta' April 2024. Wara diskussjoni fuq dawn ir-regolamenti fil-Parlament, gie miftiehem li jsiru s-segwenti emendi.

***2.2 L-Importanza tar-regolamenti***

Dawn l-emendi huma meqjusa meħtieġa għall-applikazzjoni ottimali ta' dawn ir-regolamenti.

*2.3 Konsultazzjoni Pubblika*

L-emendi jinkludu wkoll bidliet li ġew diskussi fil-Parlament.

**3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument**

Ir-regolamenti huma magħmula minn erba’ regolamenti u jikkonsistu f’dan li ġej:

1. Titolu.

2. Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

**4. Kummentarju dwar partijiet u regolamenti**

***4.1 Emenda tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali***

It-tifsira ta’ “riklam” ġiet emendata biex tinkludi riklami fuq l-internet.

***4.2 Emenda tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali***

Il-limitu tal-età biex persuni fiżiċi jikkwalifikaw għal liċenzja tbaxxa minn 25 sena għal 18-il sena. Ir-rekwiżit li jiġi ppubblikat avviż ta’ applikazzjoni f’żewġ gazzetti lokali ta’ kuljum ġie emendat biex jispeċifika li wieħed mill-avviżi għandu jiġi ppubblikat f’gazzetta ppubblikata bil-Malti u l-ieħor f’gazzetta ppubblikata bl-Ingliż. Ġiet inkluża dispożizzjoni ġdida biex teskludi l-ħtieġa ta’ liċenzja għal kull entità, organizzazzjoni, aġenzija, fondazzjoni, jew kwalunkwe struttura oħra li l-Gvern ta’ Malta għandu kontroll fuqha.

***4.3 Emenda tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali***

Dan ir-regolament ġie emendat sabiex id-Direttur ikun jista’ jirrifjuta applikazzjoni jew jirrifjuta t-tiġdid tal-applikazzjoni jew jirrevoka liċenzja jekk ikollu għarfien jew evidenza li l-applikant jew id-detentur tal-liċenzja, skont il-każ, ikun kompla n-negozju tiegħu b’mod konxju ma’ kwalunkwe parti terza li tkun talbet xi tariffa jew talbet xi ħlas mingħand l-applikanti bħala skambju biex toffrilu impjieg.

**5. Sezzjoni Konklużiva**

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta tal-Gvern.

**NB. Din in-Nota ta’ Spjegazzjoni mhijiex maħsuba biex tkun deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għalih. Din in-Nota ma tfissirx li hija deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.**

Is-7 ta’ Mejju, 2024

**No. 586**

**MINISTRY FOR EUROPEAN FUNDS, EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE**

*Explanatory Notes*

**1. Introduction**

| | |
|---|---|
| **Title of Regulations** | Employment Agencies (Amendment) Regulations, 2024 |
| **Activity to be regulated** | Employment Agencies, including recruitment agencies, temporary work agencies and outsourcing agencies. |
| **Responsible entity** | Department for Industrial and Employment Relations |

**2. Summary and background**

***2.1 Aims & Objectives of the legislation***

In November 2023 the Employment Agencies Regulations were published. These regulations provide a comprehensive framework for the oversight and operation of employment agencies and businesses in Malta, including those involved in recruitment for both domestic and international employment, temporary work, and outsourcing agencies. These regulations emphasize strict requirements for licensing, operational conduct, and penalties for non-compliance.

These regulations came into effect on April 1, 2024. After a discussion on these regulations in Parliament, it was agreed to effect the following amendments.

***2.2 Importance of the regulations***

These amendments are deemed necessary for optimal application of these regulations.

***2.3 Public Consultation***

The amendments include changes that were discussed in Parliament.

**3. Overview of the structure of the instrument**

The regulations consist of four regulations as follows:

1. Title.

2. Amends regulation 2 of the principal regulations.

3. Amends regulation 3 of the principal regulations.

4. Amends regulation 9 of the principal regulations.

**4. Commentary on parts and regulations.**

***4.1 Amendment of regulation 2 of the principal regulations***

The definition of "advertisement" was amended to include online advertisements.

***4.2 Amendment of regulation 3 of the principal regulations***

The age limit for natural persons to qualify for a license was lowered from 25 years to 18 years. The requirement to publish a notice of application in two daily local newspapers was amended to specify that one of the notices must be published in a Maltese newspaper and the other in an English newspaper. A new provision was included to exclude the need for a license for any entity, organization, agency, foundation or any other structure over which the Government of Malta has control.

***4.3 Amendment of regulation 9 of the principal regulations***

This regulation was amended to enable the Director to refuse an application or renewal of the application or to revoke a license if he has knowledge or evidence that the applicant or license holder, as the case may be, has knowingly continued his business with any third party who has demanded any fee or payment from applicants in exchange for employment.

**5. Concluding section**

These regulations shall come into force upon their publication in the Government Gazette.

**NB. This Explanatory Note is not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. This Note does not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.**

7th May, 2024

**Nru. 587**

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI**

**Ordni għal Eżenzjoni mill-Applikazzjoni tal-Proviso tal-Artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512), il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi għamel dan l-ordni li ġej:

Ir-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg u r- Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg (Emenda Nru. 2) huma b’dan eżenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar peress li l-miżuri previsti fil-leġiżlazzjoni msemmija huma meħtieġa b’mod urġenti sabiex jipprovdu ċertezza legali fir-rigward ta' operaturi liċenzjati u l-ħtiġijiet tas-settur.

Is-7 ta’ Mejju, 2024

**No. 587**

**MINISTRY FOR FOR THE ECONOMY, ENTERPRISE AND STRATEGIC PROJECTS**

**Application of the Proviso to Article 3(2)(b) of the Small Business Act (Exemption) Order**

IN exercise of the powers conferred by article 18(1) of the Small Business Act (Cap. 512), the Minister for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has made the following order:

Employment Agencies (Amendment) Regulations, 2024 and Employment Agencies (Amendment No. 2) Regulations, 2024 are hereby exempt from the application of article 3(2)(b) of the Small Business Act for the reason that the measures established in the mentioned legislation are urgently required to provide legal certainty with regard to licenced operators and the requirements of the sector.

7th May, 2024

**No. 588**

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, UGWALJANZA, IR-RIFORMI U D-DJALOGU SOĊJALI**

*Noti ta' Spjegazzjoni*

**1. Introduzzjoni**

| | |
|---|---|
| **Titolu tar-Regolamenti** | Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg (Emenda Nru. 2). |
| **Attività li għandha tiġi regolata** | Aġenziji tal-Impjiegi, inklużi aġenziji ta' reklutaġġ, aġenziji tax-xogħol temporanju u aġenziji tal-outsourcing. |
| **Entità responsabbli** | Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impiegi |

**2. Sommarju u sfond**

***2.1 Għanijiet u Objettivi tal-liġi***

F'Novembru 2023 ġew pubblikati r-Regolamenti dwar l-Aġenziji tal-Impjiegi. Dawn ir-regolamenti jipprovdu qafas komprensiv għas-sorveljanza u l-operat tal-aġenziji tal-impjiegi u n-negozji f'Malta, inklużi dawk involuti fir-reklutaġġ kemm għal impjieg domestiku kif ukoll internazzjonali, xogħol temporanju u aġenziji tal-outsourcing. Dawn ir-regolamenti jenfasizzaw rekwiżiti stretti għal-liċenzjar, l-imġiba operattiva u l-penali għan-nuqqas ta' konformità.

Dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ fl-1 ta' April 2024. Wara li dawn ir-regolamenti bdew japplikaw u wara konsultazzjonijiet mal-entitajiet kollha kkonċernati, inħass li ċerti emendi kienu meħtieġa għall-aħjar applikazzjoni tal-istess regolamenti.

Dawn l-emendi inter alia, jipprovdu l-iskrutinju tal-applikazzjonijiet minn diversi korpi pubbliċi, tibdil fil-kompożizzjoni u l-mandat tal-Kumitat ta' Ħidma, u t-tneħħija tal-projbizzjoni ta' ftehimiet ta' esklużività fir-rigward tal-aġenziji tal-impjieg li jiffokaw biss fuq ir-reklutaġġ u l-għażla tal-ħaddiema mingħajr ma jidħlu f'kuntratt ta' impjieg mal-ħaddiem.

***2.2 L-Importanza tar-regolamenti***

Dawn l-emendi huma meqjusa meħtieġa għall-applikazzjoni ottimali ta' dawn ir-regolamenti.

***2.3 Konsultazzjoni Pubblika***

L-emendi proposti jinkludu feedback li wasal mingħand il-partijiet ikkonċernati, inkluż l-aġenziji tal-impjieg u minn konsultazzjonijiet interni u konsultazzjonijiet li d-DIER kellu ma' entitajiet oħra.

**3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument**

Ir-regolamenti huma magħmula minn għaxar regolamenti u jikkonsistu f'dan li ġej:

1. Titolu.

2. Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

5. Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

6. Jissostitwixxi r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

7. Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

8. Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

9. Iżid ir-regolament 9A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

10. Jemenda it-Tieni skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**4. Kummentarju dwar partijiet u regolamenti**

***4.1 Emenda tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali***

Ġew miżjuda tifsiriet ġodda li huma "Dipartiment", "proċess sħiħ ta' stħarriġ" u "Kumitat ta' Ħidma".

***4.2 Emenda tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali***

Saret emenda biex tiġi eskluża l-ħtieġa ta' liċenzja għal kwalunkwe impjegatur li jimmaniġġja kwalunkwe aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg marbut ma' kwalunkwe impjieg fl-impriża proprja ta' min iħaddem. Dan ir-regolament ġie emendat sabiex il-klawżola ta' eskluzivita' ma tapplikax fil-każ ta' aġenziji tal-impjiegi involuti f'servizzi ta' reklutaġġ li jiffokaw fuq ir-reklutaġġ u l-għażla tal-ħaddiema, mingħajr ma jidħlu f'kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni mal-ħaddiem.

***4.3 Emenda tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali***

Dan ir-regolament ġie emendat biex jispeċifika li l-applikazzjonijiet kollha sottomessi qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolamenti se jibqgħu validi.

***4.4 Emenda tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali***

Dan ir-r egolament ġie emendat biex jinkludi li l-applikazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati wkoll minn:

(1) dikjarazzjoni ġuramentata mill-applikant fis-sens li mhuwiex individwu li f'xi ħin instab ħati jew qiegħed jiġi interrogat u ssuspettat jew għandu akkużi kriminali miġjuba kontrih, minbarra reat involontarju, punibbli b'aktar minn sentejn priġunerija;

(2) ċertifikat ta' kondotta riċenti, li mhux ser jinżamm mid-Direttur wara li ssir eżaminazzjoni tiegħu;

(3) dikjarazzjoni ġuramentata mill-persuna kompetenti nnominata li mhix persuna li f'xi ħin instabet ħatja jew fil-mument tal-applikazzjoni qed tiġi interrogata u suspettata jew għandha akkużi kriminali miġjuba kontriha għal kwalunkwe reat kriminali, minbarra reat involontarju punibbli b'aktar minn sentejn priġunerija; u

(4) ċertifikat oriġinali ta’ kondotta riċenti fir-rigward tal-persuna kompetenti nnominata li mhux ser jinżamm mid-Direttur wara li ssir eżaminazzjoni tiegħu.

*4.5 Emenda tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali*

Dan ir-regolament ġie sostitwit u jipprovdi għal fejn, wara valutazzjoni inizjali tal-applikazzjoni għal liċenzja jew tiġdid tagħha, id-Direttur huwa tal-opinjoni li huma meħtieġa aktar verifiki, l-applikant jew id-detentur tal-liċenzja għat-tiġdid għandu jkun meħtieġ li jagħti lid-Direttur rapporti ta’ diliġenza minn operaturi terzi ta’ reputazzjoni kif id-Direttur jista’ jeħtieġ u japprova fiċ-ċirkostanza.

*4.6 Emenda tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali*

Dan ir-regolament ġie emendat sabiex id-Direttur joħroġ liċenzja fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta’ Ħidma għal perjodu ta’ sentejn.

*4.7 Emenda tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali*

Dan ir-regolament ġie emendat sabiex id-Direttur ikun jista’ jirrifjuta applikazzjoni jew jirrifjuta t-tiġdid tal-applikazzjoni jew jirrevoka liċenzja fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta’ Ħidma. Id-Direttur jista’ jirrifjuta applikazzjoni jew jirrifjuta t-tiġdid tal-applikazzjoni jew jirrevoka liċenzja jekk ikollu għarfien jew evidenza li l-applikant jew id-detentur tal-liċenzja, skont il-każ, ikun kompla n-negozju tiegħu b’mod konxju ma’ kwalunkwe parti terza li tkun talbet kwalunkwe tariffa jew talbet kwalunkwe ħlas mingħand l-applikanti bħala skambju biex toffrilu impjieg.

Dan ir-regolament ġie emendat biex isir skrutinju sħiħ, minn kwalunkwe korp kompetenti li jista’ jinkludi kontrolli tas-sigurtà mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

*4.8 Introduzzjoni tar-regolment 9A ġdid mar-regolamenti prinċipali*

Ġie introdott regolament ġdid li jistabbilixxi l-mandat u l-kompożizzjoni tal-Kumitat ta’ Ħidma.

*4.9 Emenda għat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali*

It-Tieni Skeda qed tiġi emendata biex it-tiġdid tal-liċenzja jsir kull sentejn u l-ħlas ikun ta’ €3000.

**5. Sezzjoni Konklużiva**

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

**NB. Din in-Nota ta’ Spjegazzjoni mhijiex maħsuba biex tkun deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għalih. Din in-Nota ma tfissirx li hija deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.**

Is-7 ta’ Mejju, 2024

**No. 588**

**MINISTRY FOR EUROPEAN FUNDS, EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE**

*Explanatory Notes*

**1. Introduction**

| | |
|---|---|
| **Title of Regulations** | Employment Agencies (Amendment No. 2) Regulations, 2024 |
| **Activity to be regulated** | Employment Agencies, including recruitment agencies, temporary work agencies and outsourcing agencies. |
| **Responsible entity** | Department for Industrial and Employment Relations |

**2. Summary and background**

***2.1 Aims & Objectives of the legislation***

In November 2023 the Employment Agencies Regulations were published. These regulations provide for a comprehensive framework for the oversight and operation of employment agencies and businesses in Malta, including those involved in recruitment for both domestic and international employment, temporary work, and outsourcing. These regulations emphasize stringent requirements for licensure, operational conduct and penalties for non-compliance.

These regulations entered into force on 1st April 2024. Upon the initial practical applicability of the said regulations and after consultations with all the entities concerned, it was felt that certain amendments were necessary for the optimal application of the mentioned regulations.

These amendments inter alia provide for vetting of applications by various public bodies, changes in the composition and remit of the Working Committee, and the removal of the prohibition of exclusivity agreements as regards employment agencies which focus solely on the recruitment and selection of workers without entering into an employment contract with the worker.

***2.2 Importance of the regulations***

These amendments are deemed necessary for optimal application of these regulations.

***2.3 Public Consultation***

The proposed amendments include feedback which was received from stakeholders, including employment agencies and from internal consultations and consultations which DIER had with other entities.

**3. Overview of the structure of the instrument**

The regulations consist of ten regulations as follows:

1. Title.

2. Amends regulation 2 of the principal regulations.

3. Amends regulation 3 of the principal regulations.

4. Amends regualtion 4 of the principal regulations.

5. Amends regulation 5 of the principal regulations.

6. Substitutes regulation 6 of the principal regulations.

7. Amends regulation 7 of the principal regulations.

8. Amends regulation 9 of the principal regulations.

9. Adds new regulation 9A of the principal regulations.

10. Amends the Second Schedule to the principal regulations.

**4. Commentary on parts and regulations.**

***4.1 Amendment of regulation 2 of the principal regulations***

New definitions for "Department", "full vetting process" and "Working Committee" were introduced.

***4.2 Amendment of regulation 3 of the principal regulations***

An amendment was also made to exclude the necessity of a licence for any employer who carries out any employment agency or employment business connected to any employment in such employer's own undertaking. This regulation was amended in order that the exclusivity clause does not apply in the case of employment agencies exclusively involved in recruitment services which focus solely on the recruitment and selection of workers, without entering into an employment contract or relationship with the worker.

***4.3 Amendment of regulation 4 of the principal regulations***

This regulation was amended to specify that all applications submitted prior to the entry into force of these amending regulations shall remain valid.

***4.4 Amendment of regulation 5 of the principal regulations***

This regulation was amended to include that applications shall be accompanied also with the following: (1) a sworn declaration by the applicant to the effect that he is not a person who at any time was found guilty, or is being interrogated and suspected, or has criminal charges brought against him other than an involuntaruy offence punishable with more than two years imprisonment;

(2) a recent original conduct certificate, which shall not be retained by the Director after the Director has examined it;

(3) a sworn declaration by the nominated competent person that he is not a person who at any time was found guilty, or at the time of application is being interrrogated and susupected, or has criminal charges brought against him for any criminal offence, other than an involuntary offence punishable with more than two years imprisonment.

(4) a recent conduct certificate in relation to the nominated competent person which shall not be retained by the Director after the Director has examined it.

***4.5 Amendmenmt of regulation 6 of the principal regulations***

This regulation was substituted and provides for where, after an initial assessment of the application for a licence or renewal thereof, the Director is of the opinion that further verifications are required, the applicant or the licensee for renewal shall be required to furnish the Director such due diligence reports from reputable third party operators as the Director may require and approve in the circumstances.

***4.6 Amendment of Regulation 7 of the principal regulations***

This regulation was amended in order that the Director would issue a licence upon the recommendation of the Working Committee for a period of two years.

***4.7 Amendment of Regulation 9 of the principal regulations***

This regulation was amended in order that the Director may refuse an application, or refuse renewal of an application, or revoke a licence upon the recommendation of the Working Committee. The Director may refuse an application, or refuse renewal of an application, or revoke a licence if he has acquired knowledge or evidence that the applicant or licensee, as the case may be, has knowingly continued to do business with any third party who has charged any fees or demanded any payment from applicants in exchange for employment services. This regulation was amended in order that full vetting be undertaken by any competent body which may include security verifications to be carried out by law enforcement authorities.

***4.8 Introduction of new paragraph 9A to the principal regulations***

A regulation was introduced which establishes the remit and composition of the Working Committee.

***4.9 Amendments to Second Schedule of the principal regulations***

The Second Schedule is being amended in order that the renewal of the licences be done every two years and the fee payable shall be €3000.

**5. Concluding section**

These regulations shall come into force upon publication in the Government Gazette.

**NB. This Explanatory Note is not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. This Note does not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.**

7th May, 2024

**Nru. 589**

**UFFIĊĊJU TAL-KAP ARALDU TAL-ARMI TA' MALTA**

**Regolamenti dwar l-Araldika u l-Ġenealoġija**

NGĦARRFU illi bis-saħħa tal-provvediment tal-artiklu 9(2) tar-Regolamenti tal-2021 dwar Araldika u l-Ġenealogija (A.L. 489 tal-2021) (L.S. 445.07), Il-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta jgħarraf illi l-persuni msemmija aktar 'l isfel applikaw għall-Konċessjoni/Reġistrazzjoni ta' Armi mill-Uffiċċju tal-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta.

Kulħadd jista' jgħarraf lil Kap Araldu tal-Armi ta' Malta sa mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin ġurnata (21) wara l-pubblikazzjoni ta' rappreżentazzjonijiet validi u konklużivi favur jew kontra l-applikazzjoni. Dawn ir-rappreżentazzjonijiet għandhom jkunu indirizzati lir-Reġistratur jew bil-miktub jew permezz tal-posta reġistrata lill-Uffiċċju tal-Kap Araldu jew b'mod elettroniku permezz ta' email fuq l-indirizz tal-email (chiefherald@gov.mt).

**G0111: Davis, Edward Hilary (UK)**

*Armi*

Maqsuma fi Kwarti, l-ewwel u raba' lewn Ikħal fil-bażi ximitarra Fesswise lewn il-Fidda bil-manku lewn id-Deheb fuq in-naħa Dexter, bejn żewġ ximitarri simili bil-manku fuq in-naħa Sinister, fiċ-Chief torri tat-tieni lewn sostnut minn żewġ ljuni kombattenti tat-tielet lewn. It-tieni w t-tielet kwarti, lewn Aħmar tlett fleur-de-lys lewn il-Fidda (2,1), Bend lewn id-Deheb li fuqha hemm sitt Pellets

Fuq it-tarka hemm elmu li jixraq il-grad tiegħu bi-drappeġġ Ikħal u lewn id-Deheb minn taħt li għandu bħala Kresta, fuq Kappell (Chapeau) Aħmar bil-faldi tal-erminjett hemm ajkla bil-ġwienaħ miftuħa tħares lura Lewn id-Deheb li qed iżżomm f'dufrejha sajjetta Fesswise tal-istess lewn u li għandha fuq sidirha Baton Bendwise ta' lewn Aħmar li fuqha hemm tlett Martlets lewn id-Deheb.

**Motto: VENI HORA VENI HOMO**

*Badge:*

Fleur-de-lys miftuħa lewn id-Deheb bl-istami tan-naħa Dexter jispiċċa bħala r-ras ta' xewka (Thistle) ta' lewn Naturali filwaqt li l-istami tan-naħa Sinister jispiċċa bħala warda Ħamra bil-weraq u żerriegħa ta' lewn Naturali.

**No. 589**

**OFFICE OF THE CHIEF HERALD OF ARMS OF MALTA**

**Heraldry and Genealogy Regulations**

IN terms of the proviso to article 9(2) of the Heraldry and Genealogy Regulations 2021 (L.N. 489 of 2021) (S.L. 445.07), the Chief Herald of Arms of Malta hereby notifies that the persons listed hereunder have applied for the provision/registration of heraldic arms from the Office of the Chief Herald of Arms of Malta.

Anyone is to inform the Chief Herald of Arms of Malta by not later than twenty one (21) days after publication of any valid and cogent representations for or against the application. Such representations shall be addressed to the Registrar either in writing by means of registered mail to the Office of the Chief Herald or electronically by means of email to the email address (chiefherald@gov.mt).

**G0111: Davis, Edward Hilary (UK)**

*Arms:*

Quarterly 1st and 4th: Azure in base a scimitar fesswise Argent pommel and hilt at dexter Or between two like scimitars their pommels and hilts at sinister, in chief a tower of the Second supported by two lions combattant of the Third.

2nd and 3rd: Gules between three fleurs-de-lis Argent (2,1) a bend Or charged with six pellets

Above the shield is a Helm befitting his degree with mantling Azure doubled Or, bearing for a Crest, upon a Chapeau Gules turned up Ermine, an Eagle displayed reguardant Or gripping in its talons a thunderbolt fesswise all of the Same and bearing on its breast a baton bendwise Gules charged with three Martlets Or.

**Motto: VENI HORA VENI HOMO**

*Badge:*

An open Fleur-de-lys Or the dexter stamen ending as the head of a Thistle proper the sinister stamen ending as a Rose Gules barbed and seeded proper.

**G0112: Luis Roberto di San Martino-Lorenzato di Ivrea (Brazil)**

Lewn il-Fidda salib Fillet Aħmar (għad-dar ta’ Ivrea), Fuq it-tarka kuruna ta’ Markis li minnha ħiereġ elmu li jixraq il-grad tiegħu bid-drappeġġ Aħmar u lewn il-Fidda minn taħt u li għandu bħala Kresta fuq girlanda tal-istess ilwien ħierġin minn gewwa kuruna tal-ħadid ta’ lewn Naturali bsaten (Shafts) u ponot ta’ hames vleġeġ b’dik tan-nofs tħares il-fuq (In Pale) u tnejn iħarsu lejn in-naħa Sinister u tnejn lejn in-naħa Dexter kollha ta’ lewn id-Deheb.

Bħala sostenituri żewġ grifuni kombattenti lewn il-Fidda bil-ġwienaħ tad-Deheb u bl-ilsien u dwiefer Ħomor.

**For a motto: SANS DESPARTIR**

**G0113: The Honorable Randy David Lee Xavier Potts (USA)**

*Armi:*

Lewn Ikħal, Saltire lewn il-Fidda bejn żewġ fleur-de-lys Fesswise lewn id-Deheb u fuq Ċhief tat-tieni lewn ajkla Amerikana (bald eagle) bil-ġwienaħ miftuħa ta’ lewn Naturali. Fuq it-tarka, elmu li jixraq il-grad tiegħu bid-drappeġġ Ikħal u lewn il-Fidda minn taħt , li għandu bħala Kresta, fuq girlanda tal-istess ilwien, dragun passanti Ikħal bid-dwiefer u l-ilsien Ħomor quddiem xemx tielgħa lewn id-Deheb.

**Motto: In Honorem Victoria**

*Badge:*

Ajkla Amerikana (bald eagle) ) bil-ġwienaħ miftuħa ta’ lewn Naturali fuq ċirku (annulet fleury) lewn id-Deheb

*Standard*

Ta’ erba’ jardi tul bil-bordura compony lewn il-Fidda u Ikħal bit-tarf ittondjat, bl-armi mal-parti tal-arblu, filwaqt li l-bqija tal-medda hi ta’ lewn Ikħal b’faxxa orizzontali lew il-Fidda u maqsuma fi tlieta minn żewġ faxex transversali Ħomor li fuqhom hemm il-motto In Honorem Victoria bil-Kresta fin-nofs bejn żewġ rappreżentazzjonijiet tal-Badge.

Dr Charles A. Gauci
Kap Araldu tal-Armi ta’ Malta

Is-7 ta’ Mejju, 2024

**G0112: Luis Roberto di San Martino-Lorenzato di Ivrea (Brazil)**

Argent a fillet cross Gules (for the House of Ivrea), Above the shield the coronet of a Marquis issuant from which is a helm befitting his degree with mantling gules doubled Argent bearing for a crest upon a wreath of the liveries, issuant from an iron crown proper the barbs and distal shafts of five arrows the central one in pale directed upwards, two directed to the sinister and two to the dexter, all Or.

For supporters two griffins combatant Argent winged Or langued and armed Gules.

**For a motto: SANS DESPARTIR**

**G0113: The Honorable Randy David Lee Xavier Potts (USA)**

*Arms:*

Azure, a saltire Argent between two fleur-de-lys fesswise Or and upon a chief of the Second, a bald eagle displayed proper. Above the shield a helm as befits his station with mantling Azure doubled Argent, bearing for a crest upon a wreath of the liveries a dragon passant Azure armed and langued Gules in front of a rising sun Or.

**Motto: In Honorem Victoria**

*Badge:*

A Bald Eagle displayed proper born on an annulet fleury Or

*Standard*

Of four yards in length fringed compony Argent and Azure rounded in the fly, the Arms in the hoist, the livery field Azure, bearing a horizontal band Argent is split into three by two transverse bands Gules bearing the motto In Honorem Victoria, the crest in the centre between two representations of the Badge.

Dr Charles A. Gauci
*Chief Herald of Arms of Malta*

7th May, 2024

**Nru. 590**

**AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Aġent Segretarju Eżekuttiv ta'dak il-Kunsill b'seħħ mit-12 ta' April, 2024:

| *Kunsill Lokali* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |
|---|---|
| Reġjun Tramuntana | Kristina Camilleri |

Is-7 ta' Mejju, 2024

**No. 590**

**LOCAL COUNCIL AGENT EXECUTIVE SECRETARY**

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Agent Executive Secretary of that Local Council with effect from 12th April, 2024:

| *Local Council* | *Agent Executive Secretary* |
|---|---|
| Northern Region | Kristina Camilleri |

7th May, 2024

**Nru. 591**

**AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Aġent Segretarju Eżekuttiv ta'dak il-Kunsill b'seħħ mill-1 ta' Mejju, 2024:

| *Kunsill Lokali* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |
|---|---|
| Santa Venera | Tiffany Abela |

Is-7 ta' Mejju, 2024

**No. 591**

**LOCAL COUNCIL AGENT EXECUTIVE SECRETARY**

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Agent Executive Secretary of that Local Council with effect from 1st May, 2024:

| *Local Council* | *Agent Executive Secretary* |
|---|---|
| Santa Venera | Tiffany Abela |

7th May, 2024

**Nru. 592**

**DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak Il-Kunsill b'seħħ mill-1 ta' Mejju, 2024:

| *Kunsill Lokali* | *Deputat Segretarju Eżekuttiv* |
|---|---|
| Santa Luċija | Bernice Darmanin |

Is-7 ta' Mejju, 2024

**No. 592**

**LOCAL COUNCIL DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY**

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from 1st May, 2024:

| *Local Council* | *Deputy Executive Secretary* |
|---|---|
| Santa Luċija | Bernice Darmanin |

7th May, 2024

**Nru. 593**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu

**No. 593**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on

huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur Gramma<br>*Pure Gold Grams* | Fidda Pura Gramma<br>*Pure Silver Grams* |
|---|---|---|
| 7.5.2024 | €68.789 | €0.791 |

Is-7 ta’ Mejju, 2024

7th May, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 96**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta’ Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**San Ġwann**

Mill-Ġimgħa, 10 ta’ Mejju, 2024 mill-5.00 a.m. sal-Ħadd, 12 ta’ Mejju, 2024 sas-1.00 p.m. minn Misraħ Lewża.

**Ir-Rabat (Malta)**

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta’ Mejju, 2024, mis-6.00 p.m. sa nofsillejl, minn Pjazza San Pawl;

Nhar is-Sibt, l-1 ta’ Ġunju, 2024, minn 00.01 a.m. sal-11.59 p.m., minn Vjal il-Ħaddiem, Triq in-Nigret, Misraħ San Duminku, Triq il-Buskett, Triq Ħal Tartarni, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq Nikola Saura, Triq San Franġisk u Triq San Franġisk Sqaq Nru. 1;

Nhar is-Sibt, 8 ta’ Ġunju, 2024, minn 00.01 a.m. sal-11.59 p.m., minn Triq Kola Xara, Triq J. Muscat, Triq Ferris, Triq Santa Marija, Triq il-Kulleġġ, Pjazza San Pawl, Triq San Publiju, Triq il-Konti Ruġġieru, Triq Taċ-Ċagħki u Triq Sant’Antnin.

**San Ġwann**

Nhar il-Ħadd, 2 ta’ Ġunju, 2024, mill-5.00 a.m. sal-10.30 a.m., purċissjoni minn Triq in-Naxxar, Triq San Ġwann tal-Għorgħar, Triq Bella Vista u Triq San Ġużepp;

POLICE NOTICE

**No. 96**

Applicants are to submit a letter outlining the reasons for applying for the post, two copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates/qualifications and recent Police conduct certificate addressed to:

TheChief Executive Officer
Aġenzija Żgħażagħ
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013,

by not later than Friday, 17th May, 2024, at noon (Central European Time). Late applications, including those received by post, will not be considered.

L-isem tal-vakanza, ir-referenzi tal-vakanza kemm tal-Aġenzija Żgħażagħ kif ukoll tal-Jobsplus għandhom jitnżżlu fuq l-envelop.

Reference to the title of the call and Jobsplus permit number should be put on the envelope.

**Il-Validità tas-Sejħa**

Kandidati eliġġibli jkunu obbligati jattendu għal intervista.

**Call's Validity**

Eligible candidates will be asked to sit for an interview.

Is-7 ta' Mejju, 2024

7th May, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

**Liaison Officers fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni se jkun qiegħed jirċievi applikazzjonijiet minn persuni interessati biex jaqdu dmirijiet fuq bażi ta' 'Contract for Service' bħala Liaison Officers. It-tul ta' dan l-inkarigu se jkun għal perjodu ta' 12-il xahar, li jista' jiġġedded.

Il-Liaison Officers jkunu mistennija jaħdmu fl-oqsma tal-Ministeru u għal numru ta' sigħat kif mitlub mill-Ministeru, fosthom fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi.

Id-dmirijiet marbuta ma' dan ir-rwol huma kif ġej:

tibni u żżomm relazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku bejn entitajiet differenti;

tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn setturi differenti;

tikkordina l-attivitajiet fost l-aġenziji jew l-organizzazzjonijiet u sservi bħala punt ta' kuntatt waqt avvenimenti, u attivitajiet ewlenin;

taġixxi bħala espert tekniċu jew tas-suġġett;

tgħin fil-promozzjoni tal-avvenimenti tal-organizzazzjoni;

tħejji rapporti u analiżi ta' avvenimenti, ġbir ta' rapporti dwar inċidenti, avvenimenti u aġġornamenti.

Persuni interessati għandu jkollhom il-ħiliet meħtieġa għall-kompitu:

jaħdmu f'ambjenti b'ritmu mgħaġġel u bi pressjoni għolja;

għandhom ħila li jaħdmu f'tim u individwalment;

huma awtomotivati;

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

**Liaison Officers in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation**

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, will be receiving applications from interested persons to perform duties on a 'Contract for Service' basis as Liaison Officers. The duration of this assignment will be for a period of 12 months, with possible further renewals.

The Liaison Officers will be expected to work within the areas of the Ministry and for a number of hours as requested by the Ministry including weekends and public holidays.

The duties attached to this role are as follows:

build and maintain mutually beneficial relationships between different entities;

facilitate communication between different sectors;

coordinate activities among agencies or organisations and serve as point of contact during major events, and activities;

act as technical or subject matter experts;

assist in the promotion of the organisation's events;

provide event reporting and analysis, compile reports on incidents, events and updates.

Interested persons are to have the necessary skills for the task:

be able to work in fast-paced, high-pressure environments;

the ability to work in a team and individually;

self-motivation;

jaħdmu fuq inizjattiva proprja biex isolvu l-kunflitti b'mod proattiv u jindirizzaw kwistjonijiet;

għandhom ħiliet ta' negozjar, li jsibu soluzzjonijiet għall-problemi u ħiliet organizzattivi tajbin.

Apparti li jkollhom il-ħiliet meħtieġa, l-individwi interessati għandu jkollhom kwalifika ta' Livell 5 tal-QMK jew 10 snin esperjenza.

Espressjonijiet ta' interess akkumpanjati minn curriculum vitae dettaljat, kondotta tal-Pulizija (maħruġa fi żmien xahar mid-data tal-applikazzjoni) u kopji taċ-ċertifikati tal-kwalifiki għandhom jiġu sottomessi fuq (https://edurecruitment.gov.mt) sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2024.

Is-7 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

**Pool ta' Esperti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni se jkun qiegħed jirċievi applikazzjonijiet minn persuni interessati biex jiffurmaw parti minn pool ta' esperti fuq bażi ta' 'Contract for Service'. Il-validità tal-pool se tkun għal perjodu ta' 12-il xahar, li tista' tiġi mġedda. L-esperti jiġu assenjati kompiti fuq bażi ta' każ b'każ skont il-qasam tal-kompetenza tagħhom.

Oqsma ta' kompetenza:

Riċerka
Ippjanar strateġiku
Innovazzjoni
Intervent bikri
Inklużjoni
Litteriżmu
Fondi tal-UE
Politika u strateġija
Sport
Żgħażagħ
Edukazzjoni avvanzata u ogħla
Edukazzjoni obbligatorja
Edukazzjoni orjentata lejn l-industrija
Edukazzjoni u żvilupp tal-komunità

L-individwi interessati għandu jkollhom kwalifika fil-qasam ta' mhux inqas minn Livell 6 tal-QMK flimkien ma' ħames snin esperjenza fil-qasam ta' kompetenza, jew kwalifika ta' Livell 7 tal-QMK u sentejn esperjenza fil-qasam tal-kompetenza tagħhom.

Espressjonijiet ta' interess, akkumpanjati minn curriculum vitae dettaljat, kondotta tal-Pulizija (maħruġa

be able to work on one's own initiative proactively, solve conflicts and address issues;

possess negotiating, strong organizational and problem solving skills.

Apart from having the necessary skills, interested individuals are to have a MQF Level 5 qualification or 10 years' relevant experience.

Expressions of interest, accompanied by a detailed curriculum vitae, Police conduct (issued within one month of application date) and copies of qualifications' certificates are to be submitted on (https://edurecruitment.gov.mt) until noon on Wednesday, 22nd May, 2024.

7th May, 2024

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

**Pool of Experts in the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation**

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, will be receiving applications from interested persons to form part of a pool of experts on a 'Contract for Service' basis. The validity of the pool will be for a period of 12 months with possible further renewals. Experts will be assigned tasks on a case-by-case basis according to their area of expertise.

Areas of Expertise:

Research
Strategic planning
Innovation
Early intervention
Inclusion
Literacy
EU Funds
Policy and strategy
Sports
Youths
Further and higher education
Compulsory education
Industry oriented education
Education and community development

Interested individuals are to have relative area qualification not less than MQF Level 6 and five years' experience or MQF Level 7 and two years' experience in their area of expertise.

Expressions of interest accompanied by a detailed curriculum vitae, Police conduct (issued within one month

fi żmien xahar mid-data tal-applikazzjoni) u kopji taċ-ċertifikati tal-kwalifiki għandhom jiġu sottomessi fuq (https://edurecruitment.gov.mt) nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2024.

Is-7 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

**Vidjografu u/jew Fotografu għall-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), se jkun qiegħed jirċievi applikazzjonijiet mingħand persuni interessati biex jaqdu dmirijiet fuq bażi ta' 'Contract for Service' bħala Vidjografu u/jew Fotografu. Dan is-servizz huwa meħtieġ għal perjodu ta' 12-il xahar, li jista' jiġġedded.

Il-vidjografu u l-fotografu jkun mistenni jaħdem skont l-esiġenzi tax-xogħol, inkluż matul u barra l-ħinijiet tal-uffiċċju u inklużi tmiem il-ġimgħa u festi pubbliċi. Il-kandidat magħżul irid ikun disponibbli matul il-ġranet tax-xogħol u fi tmiem il-ġimgħa, anke b'avviż fl-aħħar minuta, biex jipprovdi s-servizz mitlub f'kull ħin.

Il-vidjografu jkun mistenni li:

Jikteb skripts u jiżviluppa storyboard għall-videos meħtieġa u jagħżel il-post adattat għall-video. L-iskript irid jkun miktub b'mod adegwat u professjonali; irid ikun innovattiv u attraenti għall-udjenza mmirata sabiex il-messaġġ jitwassal u jinftiehem b'mod ċar. Ir-riċerka u l-materjal li għandhom jiġu inklużi fl-iskript u l-istoryboard tal-videos għandhom isiru mill-istess persuna li qed tagħti s-servizz. MEYR irid japprova l-iskript u l-istoryboard qabel ma jiġi prodott il-video u min qed jagħti s-servizz għandu jieħu nota ta' kwalunkwe emenda mitluba;

Ikun responsabbli biex jipprovdi l-istudjo għal-iffilmjar; siti tal-iffilmjar; ir-riffieda kollha li għandhom jintużaw fil-filming; dwal ħomor; mikrofonu boom; kameras full HD u 4k u kwalunkwe arranġament ieħor possibbli ta' setup relatat għall-produzzjoni tal-videos. L-iffilmjar tal-videos se jkun ir-responsabbiltà assoluta ta' min qed jipprovdi s-servizz. Il-kuntrattur għandu jidentifika l-postijiet kollha tal-iffilmjar u jiżgura li s-settings huma varjati u adattati biex jikkumplimentaw bl-aħjar mod it-tema speċifika tal-videos. MEYR tirriserva d-dritt li tkun preżenti waqt is-sessjoni tal-iffilmjar. Min jipprovdi s-servizz għandu jikkordina l-postijiet għall-iffilmjar tal-videos u jakkwista permessi għal dawn il-postijiet;

Jipprovdi tagħmir tad-dawl professjonali u operaturi tad-dawl għall-vidjografija;

of application date) and copies of qualifications certificates are to be submitted on (https://edurecruitment.gov.mt) until noon on Wednesday, 22nd May, 2024.

7th May, 2024

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

**Videography and/or photography services for the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation**

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), will be receiving applications from interested persons to perform duties on a 'Contract for Service' basis as Videographer and/or Photographer. The duration of this assignment will be for a period of 12 months, with possible further renewals.

The videographer and photographer will be expected to work according to work exigencies including during and outside office hours and including weekends and public holidays. The chosen candidates must be available during weekdays and weekends, even at a last-minute notice, to provide the service requested at all times.

The videographer shall be expected to:

write scripts and develop a storyboard for the videos required, including scout location. The script must be adequately and professionally written; it must be innovative and appealing to the target audience so that the message is clearly conveyed and understood. The research and material to be included in the script and the storyboard of the videos must be done by the service provider. MEYR must approve the script and storyboard before the video is produced and service provider must take note of any amendments requested;

Be responsible for providing the filming studio; filming sites; all props to be used in the filming; redhead lights; boom microphone; full HD and 4k cameras and any other possible related set-up arrangement for the production of the videos. The filming of the videos will be the sole responsibility of the service provider. The contractor is to identify all filming locations and ensure that the settings are varied and suitable to best complement the specific theme of the videos. MEYR reserves the right to be present during the filming session. The service provider must coordinate locations for filming of videos and acquire permits for these locations;

Provide professional lighting equipment and lighting operators for videography;

Jiżgura li l-filmati jkunu konformi mal-immaġni korporattiva tal-Ministeru. Il-prodott finali jrid jiġi approvat mill-MEYR. L-awtorità kontraenti tirriżerva d-dritt li tirrifjuta jew tordna l-produzzjoni mill-ġdid ta' videos jekk tqis li ma tkunx skont l-istandard professjonali meħtieġ;

Jiżgura li l-materjal tal-video kollu għandu jkun disponibbli għal MEYR għal kwalunkwe użu kif meħtieġ;

Jiżgura li l-produzzjonijiet kollha jridu jkunu oriġinali. L-ebda stock footage jew materjal simili mhu se jiġi aċċettat;

Jipprepara, jikkordina u sussegwentement jimplimenta skeda ta' żmien ta' kif se jiġu esegwiti l-produzzjonijiet;

Ikun mgħammar bi drone tal-kamera professjonali u jieħu filmati skont ir-rekwiżiti tal-MEYR;

Għandu software tal-editjar tal-video liċenzjati;

Ikun profiċjenti fl-użu ta' Adobe Premier Pro u Adobe After Effects;

Ikun mgħammar b'teleprompter biex tirrekordja messaġġi adhoc skont ir-rekwiżiti tal-MEYR;

Ikun responsabbli biex jirrekordja programmi televiżivi skont ir-rekwiżiti tal-MEYR;

Ikollu liċenzja valida tad-drone u assigurazzjoni. Filmati tad-drone se jinġibdu f'4k(RAW);

Ikollu ekwipaġġ tal-kameras professjonali magħmul minn produttur, direttur, DOP, cameraperson u editur għall-postproduzzjoni;

Ikun responsabbli li jipprovdi l-filmati tal-avvenimenti lil MEYR fi żmien siegħa mit-tmiem tal-avveniment.

Ikun responsabbli biex jeditja l-videos kemm fil-formati 16:9 u 9:16;

Jiżgura li l-filmati jinġibdu f'4k (RAW) bl-użu ta' kameras taċ-ċinema diġitali mingħajr mera, b'lentijiet professjonali biex tinkiseb dehra ċinematika;

Jiżgura li l-editjar u l-postproduzzjoni għandhom jinkludu gradazzjoni tal-kulur u effetti f'4k;

Jipprovdi tagħmir professjonali ta' qabda, tagħmir tad-dawl professjonali u operaturi tad-dawl, operaturi tal-ħoss u tagħmir, mużika għal kull produzzjoni.

Il-fotografu jkun mistenni li:

Jipprovdi tagħmir tad-dawl professjonali u operaturi tad-dwal għall-fotografija;

Ensure that the videos are in line with the corporate image of the ministry. The final product has to be approved by MEYR. The contracting authority reserves the right to reject or order the re-production of video clips if it deems it is not up to the required professional standard;

Ensure that all video material must be made available to MEYR for any utilization as necessary;

Ensure that all productions must be original. No stock footage or material will be accepted;

Prepare, coordinate and subsequently implement a timeline of how the productions will be executed;

Be equipped with a professional camera drone and shoot as per MEYR's requirements;

Have licensed video editing software;

Be proficient in the use of Adobe Premier Pro and Adobe After Effects;

Be equipped with a teleprompter to record adhoc messages as per MEYR requirements;

Be responsible to record TV programmes as per MEYR requirements;

Have a valid drone license and insurance. Drone footage to be shot in 4k(RAW);

Have professional camera crew consisting of producer, director, DOP, cameraperson and editor for post-production;

Be responsible to provide the footage of events to MEYR within an hour of the end of the event.

Be responsible to edit the videos both in 16:9 and 9:16 formats;

Ensure that footage is shot in 4k (RAW) using digital mirrorless cinema cameras, with professional lenses to achieve a cinematic look;

ensure that editing and post-production shall include colour grading and effects in 4k.

Provide professional grip equipment, professional lighting equipment and lighting operators, sound and equipment operators, music for each production.

The photographer shall be expected to:

Provide professional lighting equipment and lighting operators for photography;

Ikun profiċjenti fl-użu ta' Adobe Photoshop u Adobe Lightroom;

Ikun responsabbli biex jipprovdi l-fotografija tal-avvenimenti;

Jassisti lill-videographer meta jkun meħtieġ.

Il-partijiet interessati għandu jkollhom aktar minn għaxar snin esperjenza fil-vidjografija u/jew fotografija u l-editjar professjonali.

Espressjonijiet ta' interess li jindikaw ir-rata għal kull siegħa ħlas (eskluża l-VAT) akkumpanjati minn curriculum vitae dettaljat u kondotta tal-Pulizija għall-individwi (maħruġa fi żmien xahar mid-data tal-applikazzjoni) jew portafoll tal-kumpanija għall-kumpaniji, għandhom jiġu sottomessi fuq (https://edurecruitment.gov.mt) sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2024.

Is-7 ta' Mejju, 2024

Be proficient in the use of Adobe Photoshop and Adobe Lightroom;

Be responsible to provide the photography of events;

Will assist the videographer when needed.

Interested parties must have more than 10 years' experience in professional videography/photography and editing.

Expressions of iinterest indicating the rate per hour charge (excl. VAT) accompanied by a detailed Curriculum Vitae and a Police konduct for individuals (issued within 1 month of application date) or company portfolio for companies, are to be submitted on (https://edurecruitment.gov.mt) until noon on Wednesday, 22nd May, 2024.

7th May, 2024

KUNSILL LOKALI Ħ'ATTARD

**Post ta' Skrivan Part-time (Skala 15)**

*Nru. tal-Vakanza 399401*

Ħarġet vakanza fi ħdan il-Kunsill Lokali Ħ'Attard għall-post ta' Skrivan Part-time/Receptionist (Skala 15) fuq bażi ta' shift.

Kandidati prospettivi huma meħtieġa li jkollhom il-kwalifiki li ġejjin:

Skrivan/Receptionist (Skala 15):

Ħames suġġetti differenti f'Livell Ordinarju (minimu ta' 'O' Level passes fi Grad Ċ jew ekwivalenti), li għandhom jinkludu l-Malti, l-Ingliż, il-Matematika u IT Skills.

Il-kandidat magħżul se jaħdem bħala receptionist fiċ-Ċentru tal-Informazzjoni ma' turisti, u għalhekk esperjenza f'dan il-qasam tkun ikkunsidrata ta' vantaġġ.

Applikanti li jissodisfaw il-kriterji ta' hawn fuq, u jixtiequ japplikaw għal dan ix-xogħol, jistgħu jissottomettu l-curriculum vitae dettaljata tagħhom flimkien mal-kopji ta' ċertifikati rilevanti.

Applikazzjonijiet għandhom jaslu f'dan l-uffiċċju sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 10 ta' Mejju, 2024, permezz ta' ittra elettronika lil (attard.lc@gov.mt) jew bil-posta indirizzati lil:

Ħ'ATTARD LOCAL COUNCIL

**Part-time Clerk (Scale 15)**

*Vacancy Number 399401*

A vacancy has arisen within the Ħ'Attard Local Council for the post of a Part-time Clerk/Receptionist (Scale 15) on shift basis.

Prospective candidates are required to possess the following requirements:

Clerk/Receptionist (Scale 15):

Five different subjects at Ordinary Level (a minimum of 'O' level passes in Grade C or equivalent), which shall include Maltese, English, Mathematics and IT Skills.

Chosen candidate will be working as a receptionist in an Information Centre with tourists, thus experience in the field will be considered as an asset.

Applicants who satisfy the above requirements, wishing to apply for this job, may submit a detailed Curriculum Vitae together with copies of relevant certificates.

Applications should reach this office by not later then Friday, 10th May, 2024, by email to (attard.lc@gov.mt) or by post addressed to:

Is-Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħ’Attard
13/15, Triq Sant’Anna
Ħ’Attard

Il-kandidati għandhom jattendu għal intervista.

Is-7 ta’ Mejju, 2024

The Executive Secretary
Kunsill Lokali Ħ’Attard
13/15, Triq Sant’Anna
Ħ’Attard

Candidates will be required to sit for an interview.

7th May, 2024

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Eżami meħtieġ għall-applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għall-persuni li jagħmlu Installazzjoni tal-Elettriku**

**Awtorizzazzjoni A u B – Frar 2024**

Id-Dipartiment tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat finali ġie pubblikat u wieħed jista’ jmur jarah il-Customer Care, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Is-7 ta’ Mejju, 2024

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

**Authorisation examination required for the application of Authorisation of a service provider for Electrical Installations**

**Authorisation A and B – February 2024**

The Department of Examinations notifies that the final result of the abovementioned examination has been published and may be seen at the Customer Care, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours.

7th May, 2024

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Eżamijiet ta’ Kwalifikazzjoni għal Supply Learning Support Educators – April 2024**

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultati tal-eżamijiet hawn fuq imsemmija ġew ippubblikati kif ukoll mibgħuta permezz ta’ ittra elettronika lil kull kandidat mid-Dipartiment tal-Eżamijiet. Ir-riżultat ippubblikat jinsab fuq in-notice board ta’ Edu Servizz.gov, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet,Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx ir-riżultat bil-posta huma mitluba biex jikkuntattjaw lid-Dipartiment tal-Eżamijiet permezz ta’ ittra elettronika lil (myexams@gov.mt) minnufih.

Is-7 ta’ Mejju, 2024

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

**Qualifying Examinations for Supply Learning Support Educators – April 2024**

The Director of Examinations notifies that the results for the above examinations have been published and also sent by email to the candidates. The published results may be viewed at the Edu Servizz.gov, Ministry for Eduction, Sport, Youth, Research and Innovation, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours.

Candidates who have not received the result are kindly requested to contact the Department of Examinations by email to (myexams@gov.mt) immediately.

7th May, 2024

KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**Sospensjoni ta’ Traffiku u Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali l-Iklin jgħarraf li bejn il-Ġimgħa, 24 u s-Sibt, 25 ta’ Mejju, 2024, se tingħalaq Pjazza Ninu Cremona u Triq Anton Buttigieg għall-parkeġġ u t-traffiku

Is-7 ta’ Mejju, 2024

IKLIN LOCAL COUNCIL

**Suspension of Traffic and Parking**

The Iklin Local Council notifies that from Friday, 24th May, 2024 till Saturday, 25th May, 2024, Pjazza Ninu Cremona and Triq Anton Buttigieg in Iklin will be closed to parking and traffic.

7th May, 2024

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, L-UGWALJANZA, IR-RIFORMI U D-DJALOGU SOĊJALI

**Avviż għal Sejħa għall-Proposti ta' Proġetti taħt il-Programm ta' Żvilupp Rurali (PŻR) għal Malta 2014-2022**

Il-Ministeru responsabbli għall-Fondi Ewropej jixtieq iħabbar li se jiġu mnedija sejħiet għall-proposti ta' proġetti kif indikat hawn taħt:

Miżura 1.1: Appoġġ għat-taħriġ vokazzjonali u azzjonijiet favur l-akkwist tal-ħiliet;

Miżura 3.1: Appoġġ appoġġ għal parteċipazzjoni ġdida fi skemi ta' kwalità;

Miżura 3.2: Appoġġ għall-attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni implimentati minn gruppi ta' produtturi fis-suq intern.

Is-sejħiet jagħlqu l-Ħamis, 6 ta' Ġunju, 2024, f'nofsinhar.

Il-formola tal-applikazzjoni tista' titniżżel mis-sit (https://fondi.eu/what-funding-is-available/) u tintbagħat fl-indirizz elettroniku (rdsubmissions.mees@gov.mt).

Min jixtieq japplika huwa mistieden jirreferi għal-Linji Gwida tal-Miżuri biex jikkonferma li l-proposti huma eliġibbli għall-finanzjament taħt dawn is-sejħiet.

Aktar informazzjoni dwar dawn is-sejħiet, kif ukoll dwar il-PŻR, tista' tinkiseb mis-sit elettroniku (https://fondi.eu/).

Mistoqsijiet jistgħu jintbagħtu fl-indirizz elettroniku (fondi.eu@gov.mt) jew bin-numru tat-telefown 2779 7300.

Se tiġi organizzata sessjoni ta' informazzjoni fl-Oaks Business Centre, Triq Farsons, Il-Ħamrun (Uffiċċju tal-Awtorità ta' Ġestjoni). Is-sessjoni se ssir nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju, 2024, fi:

10.00 a.m. – Miżura 1.1: Appoġġ għat-taħriġ vokazzjonali u azzjonijiet favur l-akkwist tal-ħiliet;

12.30 p.m. – Miżura 3.1: Appoġġ għal parteċipazzjoni ġdida fi skemi ta' kwalità, u Miżura 3.2: Appoġġ għall-attivitajiet ta' informazzjoni u promozzjoni implimentati minn gruppi ta' produtturi fis-suq intern.

MINISTRY FOR EUROPEAN FUNDS, EQUALITY, REFORMS AND SOCIAL DIALOGUE

**Announcement of a Call for Project Proposals Under Rural Development Programme (RDP) for Malta 2014-2022**

The Ministry responsible for European Funds would like to announce that it is re-launching the following calls for project proposals:

Measure 1.1: Support for vocational training and skills acquisition actions;

Measure 3.1: Support for new participation in quality schemes;

Measure 3.2: Support for information and promotion activities implemented by groups of producers in the internal market.

The calls will close on Thursday, 6th June, 2024, at noon.

The application forms for the submission of project proposals and supporting documentation can be downloaded from (https://fondi.eu/what-funding-is-available/) and sent by email to (rdsubmissions.mees@gov.mt).

Prospective applicants are to refer to the Measure Guidelines to confirm that their proposals are eligible for funding through this call for project proposals.

Further information on these calls and on the RDP may be obtained from (https://fondi.eu).

Any query should be sent by email to (fondi.eu@gov.mt) or by telephone number 2779 7300.

A dedicated information session will be organised at The Oaks Business Centre, Triq Farsons, Ħamrun (Managing Authority Office). The session will be held on Friday, 17th May, 2024, at:

10.00 a.m. – M1.1: Support for vocational training and skills acquisition actions;

12.30 p.m. – M3.1 Support for new participation in quality schemes, and Measure 3.2: Support for information and promotion activities implemented by groups of producers in the internal market.

Reġistrazzjoni għas-sessjoni ta’ informazzjoni tista’ ssir fuq (https://sem.gov.mt/latest-updates/events/information-session-rural-developmnt-programme).

Is-7 ta’ Mejju, 2024

Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR

**Sospensjoni ta’ Traffiku u Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali n-Naxxar jgħarraf li nhar il-Ħadd , 12 ta’ Mejju, 2024, mis-7.30 a.m. sas-2.00 p.m., Pjazza Vittorja, il-parti ta’ quddiem il-knisja, se tkun magħluqa għat-traffiku. Pjazza Vittorja fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja se tkun miftuħa għat-traffiku f’żewġ direzzjonijiet. Pjazza Vittorja kollha se tkun meqjusa bħala żona ta’ rmonk. Triq Santa Luċija (sa Triq l-Ifran), se tkun meqjusa bhala żona ta’ rmonk ukoll.

Is-7 ta’ Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI L-QRENDI

**Sospensjoni ta’ Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali l-Qrendi jgħarraf illi ma jistax isir ipparkjar mis-Sibt, 18 ta’ Mejju, 2024, fl-4.00 p.m., sa nhar il-Ħadd, 19 ta’ Mejju, 2024, fit-8.00 p.m., f’Misraħ il-Maqluba, parti minn Triq it-Tempesta (bejn Misraħ tal-Maqluba u Triq San Ġwakkin) u Triq Wied iż-Żurrieq.

Trasport pubbliku se jiġi affettwat.

Ħadd ma jista’ jipparkja nhar il-Ġimgħa, 24 ta’ Mejju, 2024, minn nofsinhar sal-10.00 p.m., f’Misraħ Santa Marija.

Ħadd ma jista’ jipparkja nhar il-Ġimgħa, 7 ta’ Ġunju, 2024, minn nofsinhar, sas-1.00 a.m. tas-Sibt, 8 ta’ Ġunju, 2024, f’Misraħ Santa Marija.

Trasport pubbliku mhux se jiġi affettwat.

Is-7 ta’ Mejju, 2024

CENTRAL BUSINESS DISTRICT

**Espressjoni ta’ Interess**

Is-Central Business District qed jistieden kuntratturi interessati biex jesprimu l-interess tagħhom biex jagħmlu

Registration for the information session can be done on (https://sem.gov.mt/latest-updates/events/information-session-rural-developmnt-programme).

7th May, 2024

Co-funded by the European Union

NAXXAR LOCAL COUNCIL

**Suspension of Traffic and Parking**

The Naxxar Local Council notifies that on Sunday, 12th May, 2024, from 7.30 a.m. till 2.00 p.m., Pjazza Vittorja, the part in front of the church, will be closed for traffic. Pjazza Vittorja on the right side of the church will be open for traffic on both directions. Pjazza Vittorja will also be considered as a towing zone. Triq Santa Luċija (till Triq l-Ifran), will also be considered as a towing zone.

7th May, 2024

QRENDI LOCAL COUNCIL

**Suspension of Parking**

The Qrendi Local Council notifies that no parking is allowed on Satruday, 18th May, 2024, from 4.00 p.m., till Sunday, 19th May, 2024, at 8.00 p.m., in Misraħ il-Maqluba, part of Triq it-Tempesta (between Triq San Ġwakkin and Misraħ tal-Maqluba) and Triq Wied iż-Żurrieq.

Public transport will be affected.

No parking is allowed on Friday, 24th May, 2024, from noon till 10.00 p.m., in Misraħ Santa Marija.

No parking is allowed between Friday, 7th June, 2024, from noon, till 1.00 a.m. of Satruday, 8th June, 2024, in Misraħ Santa Marija.

Public transport will not be affected.

7th May, 2024

CENTRAL BUSINESS DISTRICT

**Expression of Interest**

The Central Business District Foundation is inviting interested contractors to express their interest to perform

xogħlijiet relatati mal-manutenzjoni u tiswijiet ta' toroq u bankini fi ħdan is-Central Business District matul perjodu ta' 12-il xahar, inkluż traqqigħ ta' toroq bl-asfalt, xogħlijiet tal-ġebel u konkos kif ukoll tiswijiet fuq bankini.

Minħabba n-natura tagħhom, dawn ix-xogħlijiet għandhom isiru fl-inqas żmien possibbli.

Kuntratturi interessati għandhom japplikaw sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 10 ta' Mejju, 2024.

Espressjonijiet ta' interess u talbiet għal aktar informazzjoni għandhom jiġu sottomessi permezz ta' ittra elettronika lil (info@cbdmalta.org).

Is-7 ta' Mejju, 2024

works in relation to the maintenance and repair of roads and pavements within the Central Business District over a period of 12 months, including asphalt road patching, masonry and concreting works as well as pavement and kerb repairs.

Due to their nature, works would have to be carried out within the shortest possible time-period.

Interested contractors are to apply by noon on Friday, 10th May, 2024.

Expressions of interest or requests for more information are to be submitted by email to (info@cbdmalta.org).

7th May, 2024

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

**Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 16 ta' Mejju, 2024, għal:**

Avviż Nru. 21. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta'sit tale quale biex jintuża bħala ġnien u għall-aċċess ta' garaxx, adjaċenti mal-Fond Nru. 110, 'Sunflower', Triq iċ-Ċikas, kantuniera ma' Triq l-Attakk tal-Franċiżi, Ħaż-Żabbar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2017_0416_A. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €7,800 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn u sitt mitt ewro (€2,600) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 22. Għotja b'ċens temporanju għal skopijiet kummerċjali għall-perjodu ta' ħamsin (50) sena, għal fond tale quale fl-istat li jinsab fih inkluż id-difetti kollha li hemm f'Nru. 194, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2019_0537. Din il-proprjetà ma tistax tintuża għal skopijiet residenzjali. Dan iċ-ċens ma jistax jiġi mifdi bl-ebda mod u dan lanqas jekk ikun permess skont xi liġi jew avviż legali. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u għoxrin elf u seba' mija u ħamsin ewro (€22,750) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

**Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 16th May, 2024, for:**

Advt No. 21. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a site tale quale to be used as a side garden and access to garage, adjacent to premises at No. 110, 'Sunflower', Triq ic-Cikas cornering with Triq l-Attakk tal-Franċiżi, Ħaż-Żabbar, as shown edged in red on the plan P.D. 2017_0416_A. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €7,800 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand and six hundred euro (€2,600) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 22. Grant on a temporary emphyteusis for commercial purposes for a period of fifty (50) years of the premises tale quale in its present state including all the defects therein, at No. 194, Triq ir-Repubblika, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2019_0537. This property cannot be used for residential purposes. This emphyteusis cannot be redeemed in any way and this also applies if it can be permitted by any law or legal notice. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-two thousand and seven hundred and fifty euro (€22,750) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru. 23 Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fi Triq Ta' Loretu, Il-Gudja, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2023_0449. Dan is-sit jista' jkun suġġett għal servitujiet eżistenti favur proprjetà adjaċenti. Min jirbaħ din l-offerta għandu a spejjeż tiegħu jġib dan is-sit fi stat li jinħadem għal skopijiet agrikoli. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€50.89) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 23. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at Triq ta' Loretu, Gudja, shown edged in red on plan P.D.2023_0449. This site maybe subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The winning bidder is to clear and re-instate the site for agricultural purposes at his own expense. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fifty euro and eighty-nine cents (€50.89) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru. 24. Bejgħ tale quale ta' sit fuq in-naħa ta' wara tal-Fond f'Nru. 10, 'Sea Ridge', Daħlet il-Fawna, Is-Swieqi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 49_91_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,676 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sittax-il elf u seba' mija u tlieta u sittin ewro (€16,763) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 24. Sale tale quale of a site at the back of the Premises at No. 10, 'Sea Ridge', Daħlet il-Fawna, Swieqi, as shown edged in red on the plan P.D.49_91_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,676 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixteen thousand and seven hundred and sixty-three euro (€16,763) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru. 25. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut tale quale f'Nru. 33, (qabel Nru. 8), Triq is-Sliem, Il-Marsa, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 231_81_6_8. L-arja ta' fuq dan il-ħanut mhijiex inkluża fl-offerta. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €14,250 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u sebgħa mija u ħamsin ewro (€4,750) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 25. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a shop tale quale, at No. 33 (formerly No. 8) Triq is-Sliem, Marsa, as shown edged in red on the plan P.D.231_81_6_8. The airspace of this shop is not included with this tender. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €14,250 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and seven hundred and fifty euro (€4,750) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru. 26. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fi Triq Taż-Żellieqa lil hemm minn Triq Ħaġar Qim, Il-Qrendi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2023_642_A. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur proprjetà adjaċenti. Min jirbaħ din l-offerta għandu a spejjeż tiegħu jirriħabilita dan is-sit fi stat li jinħadem għal skopijiet agrikoli. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-

Advt No. 26. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at Triq Taż-Żellieqa off Triq Hagar Qim, Qrendi, shown edged in red on plan P.D.2023_642_A. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The winning bidder is to rehabilitate the site for agricultural purposes at his own expense. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to

ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,200 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 27 Bejgħ tale quale ta' fond f'Ħanut 'G', Blokk 2B, Gżira Complex, Il-Gżira, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 28_87_2. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €4,650 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitta u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€46,500) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

Is-7 ta' Mejju, 2024

